MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tat-23 ta' April, 2004

Talba Numru. 197/2004

**Anthony u Anna konjugi Galea**

**Vs**

**Dr Martin Fenech LL.D. nominat b'digriet tat-2 ta' Frar 2004, kuratur deputat sabiex jirraprezenta lill-assenti Colin P. Coleman**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-23 ta' Jannar, 2004, fejn intalab li l-konvenut nomine jigi kkundannat ihallas lill-atturi s-somma ta' elf u tlieta u hamsin lira Maltin u sbatax-il centezmu (Lm1053.17) rappresentanti bilanc minn somma akbar dovuta ghal hlas tal-kontijiet tad-dawl u l-ilma inkorsi mill-konvenut waqt il-kirja tal-fond 3/5, Triq Guze Muscat Azzopardi, Sliema, kif ukoll l-ispejjez ohra necessarji ghat-tiswija tad-danni fil-fond ikkagunati mill-konvenut.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kummercjali mid-data tal-prezentata ta'l-avviz sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut, ingunt in subizzjoni.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet ta'l-atturi sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tas-26 ta' Marzu 2004, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' elf u tlieta u hamsin lira Maltin u sbatax-il centezmu, bl-imghaxijiet legali mit-23 ta' Jannar 2004.

L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------